**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 9 ta' Lulju 2021**

**Avviż Numru 263/2019**

**Paul Philip Caruana**

**Vs**

**John Mary Casha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin ewro (€6750) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' van *Transit* li ġie mibjugħ lilu stante li ma ħallasx l-ammont kollu, liema van ġie impurtat minn barra.

Rat ir-risposta tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Illi s-somma reklamata mill-attur assolutament m'hijiex dovuta stante illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet sabiex l-attur jiffaċilita l-importazzjoni ta' dan il-vann ġie mħallas kollu bil-quddiem fit-22 t'April, 2018 u dan permezz ta' pagamenti ta' Euro 8,000 u pagament ta' £6,080 (Sterlina), liema pagamenti għaddew mill-konvenut lill-attur fil-preżenza ta' terzi."*

Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**L-attur** xehed illi l-konvenut inkarigah sabiex iġiblu *minibus seventeen seater* mill-Ingilterra. Jispjega li l-konvenut kien ħallsu tal-istess van però mhux tal-ispejjeż relatati mal-importazzjoni tal-istess li jinkludu *diesel*, MOT, tollijiet u t-trejn minn Dover għal Calais, trasport bejn Ġenova u Palermo, u trasport bejn Katanja u Malta, ċertifikat magħruf bħala COC biex il-vettura tkun tista' tiġi reġistrata hawn Malta, u wkoll ix-xiri ta' xi *parts* minn hawn Malta qabel ikkonsenjah lill-konvenut.

L-attur jispjega li l-konvenut kien qiegħed jaħdimlu xi xogħol ta' kostruzzjoni meta nkarigah iġiblu l-van in kwistjoni. Stqarr illi l-prezz tal-van kien tħallas mill-konvenut qabel tela' biex iġib il-van filwaqt li ftehmu li rigward l-ispejjeż l-oħra kellu jagħmel rendikont ladarba l-van jasal hawn Malta. Madankollu jirriżulta li nqala' xi diżgwid bejniethom rigward il-biċċa xogħol tal-kostruzzjoni u l-konvenut baqa' ma ħallsux tal-ispejjeż li qiegħed jitlob f'din il-kawża.

**Il-konvenut** stqarr illi huwa sar jaf lill-attur għaliex kien qiegħed jagħmillu xi xogħol ta' kostruzzjoni. Spjega li sar jaf li l-attur iġib il-vetturi minn barra minn Malta u nkarigah iġiblu van għat-tifla tiegħu. Wara li urih van li għoġbu, l-attur talbu sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6080) u tmint elef ewro (€8000). Jispjega li dawn il-flus għaddihomlu ġewwa d-dar tiegħu fil-preżenza ta' martu, tat-tifel u tat-tifla u wara li għaddielu tali ħlas, il-konvenut tah karta li ġġib id-data tat-22 ta' April 2018. Jispjega li meta ta dawn il-flus lill-attur, l-attur qallu li kien « happy » b'dawk il-flus u li « kollox imħallas għandek ». Jispjega li eventwalment hu u l-attur kellhom diżgwid rigward ħlas tax-xogħol ta' kostruzzjoni u għalhekk fetaħlu kawża. Jispjega li kien biss wara li fetaħ l-istess kawża, li l-attur intavola dawn il-proċeduri.

**Annalise Casha**, bint il-konvenut, stqarret illi hija kienet qed tfittex biex tixtri van u missierha kien ftiehem mal-attur biex jixtri van li kien se jinġab mill-Ingilterra. Tispjega li f'April 2018 l-attur kien mar id-dar tagħhom u missierha tah tmint elef ewro (€8000) u sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6080). Tgħid li wara li ġie kkonsenjat il-van ma semgħu xejn iktar mill-attur ħlief wara kważi sentejn.

**Renald Casha**, iben il-konvenut, stqarr illi wara li missieru ftiehem dwar il-van in kwistjoni mal-attur, l-attur mar id-dar tagħhom u

missieru tah tmint elef ewro (€8000) u sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6080). Jispjega li l-attur kien ta « biċċa karta » lil missieru u ffirmahielu. Jgħid li meta missieru għadda l-flus lill-attur, missieru staqsih kinux biżżejjed u l-attur qallu «ħafna», «anzi żżejjed».

**Carmen Casha,** mart il-konvenut, stqarret illi hija kienet preżenti meta żewġha għadda l-flus lill-attur. Dwar il-karta esebita minn żewġha ma kienet taf tgħid xejn dwarha għalkemm għall-bidu tgħid li l-attur kien għamillu karta lil żewġha.

**In kontro-ezami, l-attur** xehed illi l-karta esebita mill-konvenut bħala Dokument JC1 a fol.61 ma jiftakarhiex u ċaħad li l-kitba fuqha kienet tiegħu. Jispjega wkoll illi meta l-konvenut għaddielu tmint elef ewro (€8000) u sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6080) kienu preżenti biss hu, il-konvenut u martu u li t-tifel tal-konvenut kien fid-dar però ma kienx ħdejhom. Jispjega illi huwa aġixxa biss għall-pretensjoni li kellu wara sentejn peress li l-konvenut kien jgħidlu li kien se jissetilja wara li jagħlaq l-ewwel sular li kien qiegħed jibnilu. Jispjega li, pero`, kemm-il darba tkellmu fuq l-istess spejjeż u l-konvenut kien jgħidlu li mbagħad jirranġaw. Jispjega illi qabel ikkonsenja l-van lill-konvenut huwa kellu jitla' numru ta' drabi l-Ingilterra fejn fost oħrajn ġab l-*ispare key,* ġab xi dokumenti, sabiex jiġu rranġati xi għefiesi fuq il-van u għal affarijiet anċillari.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirriżulta illi l-konvenut inkariga lill-attur iġiblu van tal-marka Transit mill-Ingilterra. Illi jirriżulta illi l-prezz li l-attur xtara l-imsemmi van kien ta' tnax-il elf, seba' mija u ħamsin lira sterlina (£12,750).[1] Ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut ħallas lill-attur is-somma ta' tmint elef ewro (€8000) u sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6080) fi flus kontanti. Dak li hu kontestat huwa jekk l-imsemmi ħlas kienx jikkomprendi kull spejjeż anċillari għall-istess bejgħ jew kienx jirrappreżenta biss il-prezz tal-van in kwistjoni.

Illi l-attur jisħaq illi l-flus li tħallsu mill-konvenut jirrappreżentaw biss il-prezz tal-van u mhux il-ħlasijiet l-oħra li saru biex il-van tniżżel hawn Malta. Min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq illi dak li ħallas kien ħallsu bħala l-prezz finali tal-van u kien jinkludi kull spiża oħra anċillari.

Illi mid-dokumenti esebiti jirriżulta illi l-ammont imħallas mill-konvenut huwa ta' ċirka erbatax-il elf, disa' mija u ħamsa u għoxrin

[1] Dokument a fol 42 u 43

ewro (€14,925)[2]. Illi l-prezz tal-van mixtri mill-attur għall-konvenut huwa ta' tnax-il elf, seba' mija u ħamsin lira Sterlina (£12,750) li konvertiti f'ewro fid-data meta sar il-ħlas mill-konvenut jammontaw għal erbatax-il elf, ħames mija u tlieta u għoxrin ewro (€14,523). Kwindi jirriżulta illi bejn il-prezz imħallas mill-konvenut u l-prezz tal-van kif mixtri mill-attur hemm biss differenza ta' erba' mija u żewġ ewro (€402).

Illi din id-differenza żgur ma tkoprix l-ispejjeż kollha anċillari li jirriżulta li għamel l-attur biex niżżel il-van in kwistjoni hawn Malta u dan kif hu muri mid-diversi dokumenti esebiti minnu stess. Illi għalkemm il-konvenut alluda fil-kontro-eżami li għamel lill-attur illi l-imsemmija spejjeż ma kinux esklussivament relatati mal-van in kwistjoni, din il-Qorti ma għandhiex prova li dan huwa fil-fatt il-każ. Biss biss jekk wieħed jifli r-riċevuti esebiti jsib is-segwenti :-

1. Fattura ta' SMS Logistics fir-rigward tal-vjaġġ tal-van bejn Catania u Malta ;[3]
2. Fattura ta' Grandi Navi Veloci fir-rigward tal-vjaġġ tal-van bejn Ġenova u Palermo ;[4]
3. Spejjeż ta' *diesel* u tollijiet ;[5]
4. *Parts* ta' vettura ;[6]
5. Spejjeż rigward it-traġitt bejn l-Ingilterra u Franza ;[7]
6. Fattura tal-MOT tal-van in kwistjoni li sar ġewwa l-Ingilterra ;[8]
7. Fattura taċ-Ċertifikat ta' Konformità tal-van in kwistjoni ;[9]

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dawn l-ispejjeż ċertament huma relatati mal-van in kwistjoni. Għalkemm fis-sottomissjonijiet tiegħu d-difensur tal-konvenut jisħaq illi l-ispejjeż reklamati ma kinux relatati esklussivament mal-van in kwistjoni, dan ma jirriżulta mill-ebda prova mressqa mill-konvenut. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa inverosimili li l-attur kien se jniżżel vettura mill-Ingilterra biex ibigħha lill-konvenut b'telf. Kwindi tqis illi dak li xehed l-attur għandu iktar mis-sewwa minn dak li xehdu l-konvenut u l-familjari tiegħu.

---

[2] Ir-rata ta' kambju tal-lira Sterlina fit-22 ta' April 2018 (cioè meta għaddew il-flus) kienet ta' Eur1.1391 - £6080 x 1.1391 = Eur 6925.73
[3] Dokument a fol. 25
[4] Dokument a fol. 26
[5] Dokument PC2 a fol 27 u 28
[6] Dokument a fol. 29 u 30, u a fol. 39 u 40
[7] Dokument PC3 a fol. 31
[8] Dokument PC4 a fol. 32
[9] Dokument PC5 a fol. 33 sa fol.35

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-attur għandha tiġi milqugħa.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u għaldaqstant tordna u tikkundanna lill-konvenut John Mary Casha jħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin ewro (€6750) bl-imgħax dekorribbli mill-21 ta' Diċembru 2019.[10]

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

[10] Data tan-notifika tal-proċeduri odjerni